

# Dun Ġwann Barbara 1670–1758

## *f'għeluq il-mitejn u ħamsin sena minn mewtu benefattur kbir tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien*

**Is-Sur Joseph Farrugia**

Bejn it-30 ta' Awwissu u s-6 ta' Settembru 1959 kienet ġiet organizzata Wirja Parrokkjali f'għeluq it-Tieni Ċentinarju mill-mewt ta' Dun Ġwann Barbara. L-organizzaturi kienu Dun Karm Sant, Dun Karm Cauchi u Kelinu Cachia. Din il-Wirja kienet saret fl-Iskola tas-Sorijiet tal-Karità, 'Immakulata Kunċizzjoni ta' Ħal Tarxien. Dun Karm Sant u Kelinu Cachia kienu ilhom jippreparaw u jħabirku għal din il-Wirja minn xahrejn qabel. F'din il-Wirja kull Għaqda Tarxiniża kellha timla kamra jew klassi minn din l-Iskola biex fiha turi x-xogħol li sar u li qed isir mill-Għaqda li tkun.


Dun Ġwann Barbara

F'waħda mill-kmamar fl-ewwel sular kien hemm għall-wiri l-opri kollha li ħalla Dun Ġwann Barbara u f'kamra oħra kien hemm it-tapezzerija u d-dokumenti tal-Fondazzjoni Barbara. Bħala apprezzament ta' dak kollu li Dun Ġwann Barbara kien għamel għal Ħal Tarxien, fis-6 ta' Settembru 1959, f'għeluq il-mitejn sena mill-mewt tiegħu, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien kienet saret akkademja f'ġieħu fil-preżenza tal-E.T. Rev. Mons. E. Galea, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Malta. Dun Karm Sant kien qara fil-qosor il-ħajja ta' Dun Ġwann Barbara u l-ħabib tagħna Kelinu Cachia qara bl-ikbar ħrara poeżija tiegħu stess miktuba għal din l-okkażjoni.

Fost il-kotba esebiti f'dik il-Wirja kien hemm, bla dubju ta' xejn, il-ktieb ta' E. B. Vella 'Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid' li kien stampat fl-1932. Fil-paġni 174 u 175 ta' dan il-ktieb insibu tagħrif fuq il-Fondazzjoni Barbara. Din il-Fondazzjoni kien ħalliha Dun Ġwann Barbara fit-testment li għamel għand in-Nutar Bernardu Marija Callus tal-24 ta' Settembru 1755. Iżda l-ikbar biċċa xogħol ta' tagħrif fuq il-ħajja ta' Dun Ġwann Barbara u l-Fondazzjoni tiegħu tahielna l-Prof. Dun Karm Sant, li kien Amministratur Eżekutur ta' dik il-Fondazzjoni mill-1949 sal-1990. Fl-1960 Dun Karm Sant kiteb dwar l-'Istorja tal-Fondazzjoni Barbara' - Tarxien, 1759–1959, tagħrif dettaljat miġbur fi 73 paġna fuq il-ħajja ta' Dun Ġwann Barbara, fuq il-Fondazzjoni Barbara u fuq il-Wirja f'ġieħ Dun Ġwann Barbara li semmejna iktar 'il fuq.

Dun Ġwann Sant, li kien Amministratur u Eżekutuv tal-Fondazzjoni Barbara għal tnax-il sena, kiteb dan li ġej fuq Dun Ġwann Barbara.

"Min jidħol fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien nhar il-Festa tagħha jintlaqat mill-ħlewwa u l-ġmiel ta' tiżjin li jixhed l-imħabba tan-nies ta' din il-Parroċċa għall-knisja tagħhom li wrew minn meta din il-knisja bdiet tielgħa fl-1610 sal-lum.

Fost it-tiżjin hemm it-tappezzerija, tliet lampieri, l-artal maġġur, it-tużell tal-artal maġġur, l-apparat u ħwejjeġ oħra. Dawn l-opri tista' tgħid huma kollha ġejjin mill-Fondazzjoni ta' Dun Ġwann Barbara li kien jagħmilha tajjeb u ħalla lill-knisja ta' Ħal Tarxien werrieta biex tissebbaħ bl-opri artistiċi li naraw."



Dar Nru 47, Sqaq Britannaika Nru 1. Id-Dar ta' Dun Ġwann Barbara fejn għex u miet.

Il-familja Barbara kienet numeruża u importanti. Dun Ġwann kien ir-raba' fost sebat aħwa li tnejn minnhom kienu mietu żgħar. Twieled nhar id-19 ta' Mejju 1670 – 87 sena wara l-firda ta' Ħal Tarxien mill-parroċċa ta' Bir Miftuħ – minn Natale Barbara mill-Gudja u Antonia Camilleri minn Ħal Tarxien. Fil-familja Barbara matul il-mitt sena (1668–1760) nsibu mhux inqas minn għaxar qassisin. Dun Ġwann trabba u miet f'Ħal Tarxien fi Sqaq il-Forn, wara l-knisja. Irnexxielu jeħles mill-pesta tal-1675-6 li f'disa' xhur qerdet 145 ruħ minn dan ir-raħal biss. Meta tfarfar, wera x-xewqa li jsir qassis u qaddes nhar il-5 ta' Ġunju, 1694 fl-età ta' 24 sena. Insibu li meta Dun Ġwann kien żagħżugħ ta' 17-il sena pprofessa bħala fratell fil-Fratellanza tal-Kunċizzjoni.

Dun Ġwann wiret mingħand missieru s-sengħa tar-raba' u hu stess kien jaħdem ir-raba', kien jiżra' l-qamħ u l-qoton, u fid-dar kellu l-għodda kollha tal-biedja. Kellu raba' ieħor mhux f'Ħal Tarxien imqabbel lil diversi nies u kien jislef u jinnegozja flusu lin-negozjanti tal-qoton li kienu jsiefru lejn Spanja fl-ibliet ta' Alicante, Barcellona, Cadiz u Marsilja. Fit-tnax-il sena ta' qabel ma miet għamel 297 kuntratt ta' self.

Fis-seklu tmintax, Ħal Tarxien kien għaddej minn żmien tajjeb. Minn ftit wara li qaddes Dun Ġwann sakemm miet fl-1759, il-knisja dejjem kienet għaddejja b'xogħol ta' tiżjin. Saru l-kappelluni fl-1709, in-navi fl-1723-36, il-faċċata fl-1755–56, is-sedja għall-kor tal-injam fl-1752, l-ostensorju kbir fl-1752, l-orgni fl-1747, il-fonti tal-magħmudija fl-1754, il-qanpeina l-kbira, id-dar tal-Kappillan u ftit wara mewtu l-knisja ta' San Bert. Il-familja Barbara ħadet sehem kbir f'dan ix-xogħol. Dun Antoine Barbara ħareġ 1,500 skud għall-qanpiena l-kbira; Dun Tumas Barbara ħareġ il-flus għal opri oħra; Dun Ġwann Barbara kkontribwixxa għat-

tkabbir tal-kor billi ta l-ġebel għall-knisja mill-għalqa tiegħu 'Tal-Barriera'. Dun Ġwann kien prokuratur tal-knisja fl-1723 kif ukoll tal-fratellanza tal-Kunċizzjoni u tal-Erwieħ. In-navi tal-knisja telgħu meta Dun Ġwann kien prokuratur, nistgħu ngħidu li kien wieħed minn dawk li ħeġġew biex isir dan ix-xogħol.

Dun Ġwann miet fil-11 ta' Novembru 1759 fl-età ta' 89 sena fid-dar tiegħu wara l-knisja numru 47, Sqaq Numru 1, wara agunija twila. Insibu registrati fl-agunija tnax-il quddiesa tal-buon passaġġ. Ħaduh b'funeral solenni fil-knisja parrokkjali fejn saritlu quddiesa kantanta mill-Kappillan Dun Ċirillo Formosa. Indifen fil-kor fejn saritlu rħama l-ġmiel tagħha maħduma mill-marmista Mariuzzo Nicholas, l-istess wieħed li għamel l-artal maġġur. L-esekuturi riedu li l-irħama titqiegħed f'nofs il-korsija, iżda l-Kappillan Psaila oppona għax ried li din l-irħama titqiegħed fuq il-qabar tas-saċerdoti fil-kor. L-esekuturi ħadu ħsieb ukoll li jordnaw ritratt ta' Dun Ġwann u qabbdu lill-pittur Francesco Zahra. Dan il-kwadru, illum jinsab fis-sagristija tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien.

Fil-ktieb 'Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien' ta' Prof. Vincenzo Borg (1973) f'paġna 38 hemm imsemmija l-opri kollha li kellhom isiru fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien mill-introjti tal-Fondazzjoni Dun Ġwann Barbara. Ta' min jgħid illi skont ma ħalla miktub fit-testment tiegħu, l-esekuturi jieħdu ħsieb li jagħmlu, barra l-artal maġġur tal-irħam, tużell għall-Artal Maġġur, lampier ieħor tal-fidda għal quddiem l-artal maġġur u tnejn għall-artali tal-kappelluni. Barra minn dan riedu wkoll jagħmlu l-pontifikal jew aħjar apparat għal meta jiffunzjona l-Isqof li kellu jikkonsisti f'ħames pjaneti, tliet tuniċelli u ħames kapep. Dawn kollha saru f'dawn l-aħħar mitejn u ħamsin sena. Mhux ta' b'xejn mela, li lil dan il-benefattur kbir ġiet imsemmija triq għalih f'Ħal Tarxien.

Referenzi

*Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid*, ta' E. B. Vella (1932) pp 174, 175.
*Tifkira ta' Dun Ġwann Barbara, 1670–1759*, Benefattur tal-Knisja Marija Annunzjata, Tarxien ta' Dun Karm Sant, 1960.
*Il-Berqa*, 2 ta' Settembru 1959, pp 7, kitba ta' P. A. Caruana
*Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien*, Mons. Vincenzo Borg 1973, pp 37, 38.
Fuljett Parrokkjali *Tarxien*, ħarġa Mejju–Ġunju 1980 Nru 30, poeżija *Lil Dun Ġwann Barbara* ta' Kelinu Cachia.
*Ħal Tarxien* ta' Vincent Battistino (1993) pp 69 sa 75.
*Dun Ġwann Barbara* kitba ta' Glenn Copperstone fil-ktejjeb tal-Għaqda tal-Armar, Festa Annunzjata 2004 pp 46, 47.
Fuljett Parrokkjali *Tarxien*, Randan u Żmien l-Għid, Għadd 69 p. 14
Triqat Ħal Tarxien, ta' Jos. A. Farrugia, 2007 pp 20, 21, 22, 23




**degabriele gift shop ltd**

*68/96 Zabbar Road, Paola*
*Tel: 21696945, 99471202 • Fax: 21895340*

*E-mail: deggiftshop@nextgen.net.mt*

**Rustic, Modern & Classic Chandeliers**
**Gifts for all occasions**